# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 18**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 2/2013/1 SM**

***Seaview Construction Limited* (C 10715)**

***v.***

**Il-Kummissarju tal-Artijiet illum Awtorità tal-Artijiet; l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; l-Avukat Ġenerali; u b'dikriet tat-30 t'April 2014 issejħet fil-kawża *Malta Industrial Parks Limited* (C 28965)**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-ieħor mill-Awtorità tal-Artijiet – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fl-4 t'April 2017 li sabet ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni") u tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"] meta ttieħdet l-art tas-soċjeta attriċi mingħajr ma ngħatat

kumpens. Bħala rimedju l-ewwel qorti ordnat lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tibda l-proċeduri meħtieġa taħt l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi ["Kap. 88"][1] għall-esproprijazzjoni tal-art fi żmien erba' (4) xhur mid-data tas-sentenza biex b'hekk tieħu f'idejha l-istess art b'titolu ta' xiri assolut. L-ewwel qorti kkundannat ukoll lill-Awtorità tal-Artijiet u lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' għaxart elef euro (€10,000) bħala danni morali.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi s-soċjetà rikorrenti ssosstni li hi proprjetarja ta' żewġ porzjonijiet art fi Triq in-Naġġar, kantuniera ma' Triq Sir Anthony Borton, il-Mosta, ta' kejl superfiċjali komplessiv ta' madwar 905 metri kwadri;
>
> »Illi in sostenn tal-istess is-soċjetà rikorrenti ippreżentat kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat il-31 ta' Jannar 1994, bil-pjanta annessa miegħu ippreżentata aktar tard fl-atti ta' din il-proċedura;
>
> »Illi l-porzjonijiet art meritu tal-proċedura huma dawk indikati fil-kuntratt indikat fil-paragrafu preċedenti … u dawk indikati bil-kulur aħdar fil-pjanta annessa miegħu … … …;
>
> »Illi l-istess soċjetà rikorrenti ssosstni li l-porzjonijiet art in diżamina ittieħdu fiżikament mill-intimati jew min minnhom biex jiġu iffurmati toroq … … .;
>
> »Illi *di più,* l-istess soċjetà rikorrenti tallega li l-istess porzjonijiet art ittieħdu minn taħt il-kontroll tagħha mingħajr ma saret espropriazzjoni skont il-liġi u mingħajr ma ġie lilha offrut l-ebda kumpens xieraq u adegwat mill-intimati;
>
> »Illi l-porzjonijiet art involuti servew biex bl-involviment tal-awtorità intimata jinfetħu Triq in-Naġġar u Triq Arthur Borton, il-Mosta;
>
> »Illi sal-lum la l-espropriazzjoni u lanqas il-kumpens għadhom ma ġew effettwati.«

3. Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u talbet lill-qorti sabiex:

> »1. tiddikjara illi l-intimati ivvjolaw u għadhom qegħdin jivjolaw id-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-artikolu 1 Protokol 1 u

[1] Din l-Ordinanza ġiet abrogata bl-Att XVII.2017.84.

fl-artikolu 6 u l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet fondamentali għar-raġunijiet premessi;

»2. tagħti rimedju xieraq u effettiv kif ukoll *just satisfaction* lill-esponenti għar-riżultat tal-istess leżjoni liema rimedju għandu jikkomprendi però ma jkunx limitat għal kundanna lill-intimati sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġu lilhom prefiss, li jagħmlu dak li hemm bżonn isir ħalli jiġi mibdi u mitmum il-proċess ta' esproprju u l-ħlas tal-kumpens relattiv lill-esponenti b'dan illi kwalsijasi att leġislattiv li sar bejn meta ttieħed il-pussess fiżiku tal-proprjetà sa dakinhar tal-ħlas tal-kumpens relattiv m'għandux ikun ta' preġudizzju għall-esponenti, kif ukoll biex iħallsu kumpens xieraq u opportun sabiex jagħmlu tajjeb għad-għall-istess leżjoni.

»bl-ispejjeż … … …«

4. L-Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali wieġbu hekk:

»… … …

»(2) … … … fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw illi ma seħħ l-ebda ksur *da parte* tagħhom tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-kumpannija rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u / jew l-artikolu 6 u / jew l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan għas-segwenti motivi:

»(2.1) illi, fl-ewwel lok, fil-mertu trid tinġieb prova tal-fatti kif kontenuti fir-rikors promotur;

»(2.2) illi, fit-tieni lok, jeħtieġ li l-kumpannija rikorrenti tispjega kif seħħet l-allegata vjolazzjoni tal-artikoli imsemmija tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni;

»… … …

»(2.6) illi, fis-sitt lok, il-liġi tal-espropriazzjoni (Kap 88) tipprovdi għall-ħlas ta' kumpens xieraq inkluż għall-ħlas ta' imgħaxijiet għall-okkupazzjoni ta' qabel ma tiġi konkluża l-espropriazzjoni u għalhekk ebda danni m'huma dovuti. Illi, *di più*, il-fatt li għadu ma ħariġx avviż għall-ftehim ibbenefika u mhux ippreġudika lill-kumpannija rikorrenti billi b'hekk għandhom dritt li, minflok il-valur tal-art fis-sena ta' meta għaddiet fil-pussess ta' xi entità pubblika, se jitħallsu l-valur tal-at fis-sena meta effettivament issir l-espropriazzjoni. *Inoltre*, għandu jingħad ukoll li l-Kap. 88 jipprovdi għall-ħlas ta' interessi kalkolati bil-ħamsa fil-mija fis-sena fuq il-valur mid-data li fiha tkun ittieħdet l-art sad-data tal-ħlas tal-kumpens;

»(2.7) illi, fis-seba lok, l-esponenti jissottomettu li, *dato ma non concesso* li din l-onorabbli qorti jidrilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-kumpannija rikorrenti, fl-umli fehma tal-esponenti dikjarazzjoni ta' ksur għandha tikkostitwixxi *just satisfaction* suffiċjenti.«

5. L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta wieġbet hekk:

»… … …

»2. illi preliminarjament, l-awtorità esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur għaliex *dato ma non concesso* illi għandu jsir xi esproprju u / jew jitħallas xi kumpens, il-liġi ma tagħtiha ebda dritt illi tesproprja l-art hija stess b'mod dirett u / jew li tagħti xi tip ta' kumpens u / jew rimedju għal teħid jew esproprjazzjoni ta' art;

»... … …

»7. illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikoli 6 u 13 tal-istess Konvenzjoni, ir-rimedju li għandu jingħata, semmai, huwa li din l-onorabbli qorti tordna li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex l-art in kwistjoni tiġi formalment esproprjata skont il-kriterji tal-Kapitolu 88, Liġijiet ta' Malta, minn dik l-entità responsabbli għall-esproprju u dan *stante* l-fatt illi, kif diġa' msemmi, ir-rikorrenti ma eżawritx ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli għaliha u issa qiegħda tittenta azzjoni straordinarja filwaqt li tallega nuqqas ta' smiegħ xieraq;

»8. illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din l-onorabbli qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni ta' din il-qorti f'dak is-sens għandha tikkostitwixxi *just satisfaction* suffiċjenti;

»9. illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe pretensjoni fis-sens illi din l-onorabbli qorti għandha tikkundanna lill-intimati sabiex jeżegwixxu l-esproprjazzjoni u jagħmlu l-ħlas tal-kumpens relattiv u, allura, sabiex din l-onorabbli qorti tistabilixxi 'kumpens' għat-teħid tal-art in kwistjoni, teżorbita mill-ġurisdizzjoni u l-kompetenza ta' din il-qorti billi, filwaqt li din il-qorti hija kompetenti sabiex tillikwida u tordna l-ħlas ta' danni morali naxxenti minn leżjonijiet ta' drittijiet fundamentali, il-kompetenza dwar iffissar ta' kumpens ġust għall-akkwist ta' art għal skopijiet pubbliċi hija esklussiva għall-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet imwaqqaf *ai termini* tal-Kapitolu 88, Liġijiet ta' Malta.«

6. Wara li ssejħet fil-kawża, is-soċjetà *Malta Industrial Parks Limited* wieġbet hekk:

»1. illi. preliminarjament, is-soċjetà esponenti mhijiex leġittimu kuntradittur għaliex qatt ma ħadet deċiżjonijiet tat-tip li dwarhom qiegħda tilmenta r-rikorrenti u fi kwalunkwe każ ma jispettax lill-esponenti li tiddetermina fejn għandhom jiġu t-toroq u wisq anqas għandha s-setgħa li tesproprja art, u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

»2. illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti ma kellha ebda sehem fl-aġir li dwaru qed tilmenta r-rikorrenti u minkejja dak li rriżulta mill-provi sal-lum (li ta lok għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà esponenti), l-uniku involviment tas-soċjetà esponenti fiż-żona mertu tal-kawża hu li l-esponenti saret responsabbli għal biċċa art fi Triq iż-Żnuber kantuniera ma' Triq in-Naġġar fil-Mosta, liema trasferiment ta' responsabilità sar bis-saħħa tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169) u dan b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 fit-termini tal-A.L. 477 tal-2010, b'hekk l-esponenti issubentrat, fir-rigward ta' dik l-art biss imsemmija fl-Avviż Legali, fir-

responsabilità ta' amministrazzjoni. … … … Madankollu, bħala stat ta' fatt, wara arranġament ministerjali, meta fl-2008 ġie abolit id-Direttorat għan-Negozji ż-Żgħar, ċerti funzjonijiet bħalma huma tindif, *patching,* tibdil ta' bozoz u ġbir ta' skart bdiet taqdihom l-esponenti peress li ż-żona in kwistjoni hija waħda ta' xejra industrijali;

»3. illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, meta ġew iffurmati it-toroq *de quo,* l-esponenti ma kellha ebda interess fiż-żona *de quo.* … … … l-aġir li ta lok għal din il-kawża u cjoè l-ftuħ ta' toroq kien diġà seħħ fid-19 ta' Lulju 2005 u kwindi snin qabel ma s-soċjetà esponenti assumiet xi rwol fir-rigward taż-żona *de quo;*

»4. illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjetà rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji li kellha qabel irrikorriet għall-odjerna azzjoni;

»5. illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti għandha qabel xejn tipprova t-titolu tagħha. … … …«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Takkolji l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà kjamata in kawża u għalhekk tillibera lil *Malta Industrial Parks Limited* mill-osservanza tal-ġudizzju;

»takkolji l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u għalhekk tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju;

»illi mill-bqija takkolji t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti bl-eċċezzjoni rigwardanti l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

»tirrespinġi għalhekk ir-risposti tal-Kummissarju tal-Artijiet u tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta bl-eċċezzjoni rigwardanti r-risposta rigwardanti l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea; u għalhekk:

»tiddikjara li l-intimati indikati fil-paragrafu preċedenti ivvjolaw u għadhom qed jivvjolaw l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti;

»illi bħala rimedju xieraq u effettiv konsegwenza tal-leżjonijiet sofferti mis-soċjetà rikorrenti kif fuq stabbilit, tistabbilixxi s-segwenti:

»tordna lill-kummissarju intimat biex fi żmien erba' (4) xhur mill-lum jinizja l-proċeduri neċessarji għall-esproprijazzjoni tal-art in diżamina *ai termini* tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk jieħu f'idejh l-istess art b'titolu ta' xiri assolut;

»tordna li l-intimati *in solidum* iħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma t'għaxart elef euro (€10,000) bħala kumpens tas-saga in diżamina;

»bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ukoll *in solidum* bejniethom.«

8. Safejn huma rilevanti għall-appelli, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»A. Il-Leġittimu Kontradittur:

»i. *Malta Industrial Parks Limited*:

»Illi din is-soċjeta ġiet kjamata in kawża wara talba appożita fir-rigward;

»Illi din is-soċjetà kjamata in kawża mill-ewwel issollevat din l-eċċezzjoni preliminari;

»Illi r-raġunijiet in sostenn ta' din ir-risposta huma sintetikament is-segwenti:

»1. illi qatt ma ħadet deċiżjonijiet tat-tip li dwarhom qed tilmenta s-soċjetà rikorrenti;

»2. Ili ma kinitx ir-responsabbilità tagħha li tiddetermina fejn kellhom jiġu t-toroq in diżamina;

»3. illi m'għandha l-ebda setgħa li tesproprja l-art;

»4. illi art meritu tal-kawża m'għandha x'taqsam xejn maż-żona fejn tinsab l-art mertu tal-kawża in kwistjoni [*sic*];

»Illi għalhekk għandu jirriżulta paċifiku li l-artijiet in diżamina huma distinti minn xulxin;

»Illi *in vista* tal-istess, ir-risposta preliminari tas-soċjetà kjamata in kawża li hi mhix il-leġittimu kontradittur, u li għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, għandha tiġi akkolta.

»ii. Awtorità għat-Trasport f'Malta:

»Illi l-awtorità intimata wkoll issollevat din l-istess eċċezzjoni preliminari *stante* li x-xogħolijiet saru fuq inizjattiva tal-Ministeru tal-Komunikazzjoni u Kompetittività u mhux fuq inizjattiva tagħha jew tal-Ministeru tat-Trasport;

»Illi in effetti l-porzjonijiet art in diżamina ittieħdu biex jiġu fformati t-toroq fuq ġà riferiti;

»Illi konsegwentement għandu jirriżulta paċifiku li l-kawża odjerna ġiet indirizzata sewwa meta ġiet indirizzata ukoll fil-konfront tal-awtorità intimata;

»Illi konsegwentement ir-risposta preliminari tal-awtorità intimata li hi mhix il-leġittimu kontradittur għandha tiġi respinta;

»… … …

»Ikkunsidrat:

»… … …

»B. Smigħ Xieraq

»Illi permezz ta' din il-proċedura s-soċjetà rikorrenti qed tallega li nkiser id-dritt tagħha protett mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, senjatament id-dritt għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli, u minn tribunal indipendenti u imparzjali;

»Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>*Vica Limited v.* Kummissarju tal-Artijiet *et*</u> datata t-3 ta' Frar, 2012, il-Qorti Kostituzzjonali ssosstni s-segwenti:

»"Għall-finijiet ta' dan l-artiklu, biex jiġi stabbilit jekk il-proċeduri għad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili jkunux ħadu 'żmien raġonevoli' id-data li minnha jibda jiġi komputat iż-żmien mhux neċessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proċeduri rilevanti. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ fuq ċitat John Curmi *nomine v.* Il-Kummissarju tal-Artijiet *et* fil-fatt irriteniet li l-Kummissarju tal-Artijiet dam biex beda l-proċeduri jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. 'Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proċeduri jivvjola l-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni inkwantu jammonta għall-privazzjoni minn aċċess għal tribunal imparzjali u indipendenti';

»"Naraw ukoll kif fil-każ Golder *v.* U.K. il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li ż-'żmien raġonevoli' jista' jibda jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proċeduri quddiem qorti jew tribunal. Hija spjegat li għalkemm id-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli ovvjament japplika għal proċeduri li jkunu diġà inbdew, dan ma jfissirx li dan id-dritt għal smigħ xieraq jeskludi d-dritt li tali proċeduri jinbdew. '*While the right to a fair, public and expeditious judicial procedure can assuredly apply only to proceedings in being, it does not however necessarily follow that a right to the very institution of such proceedings is thereby excluded*'. Hija rriteniet li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taż-żmien raġonevoli jista' jiskatta anke qabel ma jibdew il-proċeduri quddiem qorti, jew tribunal, '*It is conceivable also that in civil matters the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute*'."

»Illi tenut kont tal-fatt illi wara tlettax-il sena mit-teħid tal-art in kwistjoni għadhom lanqas biss inbdew il-proċeduri tal-esproprijazzjoni *ai termini* tal-Kap. 88 fuq indikat, allura din il-qorti hi sodisfatta li anke taħt dan il-kap jirriżulta li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-soċjetà rikorrenti kif sanċit mill-artiklu 6 tal-Konvenzjoni in diżamina;

»… … …

»Ikkunsidrat:

»Illi stabbilit il-vjolazzjoni tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti, jiġi sottolineat għall-kjarezza li l-kumpens dovut m'għandux jingħata f'ammont in sostituzzjoni tal-valur tal-art in diżamina fis-suq liberu;

»Illi *in vista* tad-diskrezzjoni assoluta statutorjament fdata fil-*forum* odjern tali kumpens neċessarjament jingħata *arbitrio bono viri,* għalkemm ovvjament fl-analiżi in diżamina qed tingħata wkoll konsiderazzjoni tal-valur tal-att *de quo*;

»Illi konsegwentement biex jiġi stabbilit il-kumpens *de quo* din il-qorti qed tieħu in konsiderazzjoni is-segwenti:

»1. il-valur tal-art;

»2. il-perjodu ta' żmien li għadda minn meta ittieħdet l-art in kwistjoni;

»3. il-fatt li lanqas biss bdiet il-proċedura t'esproprijazzjoni skont il-liġi;

»4. il-fatt li konsegwentement m'ingħata l-ebda kumpens lis-soċjetà rikorrenti fir-rigward;

»5. illi minħabba fit-teħid in kwistjoni l-istess soċjetà tilfet l-użu u t-tgawdija tal-art *de quo*;

»6. il-lokalità fejn tinsab l-art hekk meħuda;

»7. l-istat tal-istess art;

»8. l-iskop għalfejn ittieħdet;

»9. in-nuqqas ta' spjegazzjoni ċara għalfejn ma saritx l-esproprjazzjoni u l-eventwali kumpens lis-soċjetà rikorrenti;

»Ikkunsidrat:

»Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-soċjetà rikorrenti ipprovat il-każ tagħha skont il-liġi, … … …«

9. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Awtorità tal-Artijiet appellaw minn din is-sentenza b'rikors tas-17 t'April 2017 u tal-21 t'April 2017 rispettivament, Is-soċjetà attriċi wieġbet fis-26 t'April 2017 u s-soċjetà msejħa fil-kawża *Malta Industrial Parks Limited* wieġbet fl-20 ta' Ġunju 2018.

10. Qabel ma' tgħaddi sabiex tqis id-diversi aggravji li tqajjmu fl-appelli rispettivi tal-konvenuti appellanti, din il-qorti tosserva illi ma kien hemm l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti: i. ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju; ii. ma sabitx ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni; u iii. sabet ksur tad-drittijiet tas-soċjetà attriċi mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Dawn il-partijiet tas-sentenza appellata għalhekk issa huma *res iudicata.*

11. Nibdew bl-appell tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta. L-ewwel aggravju jolqot id-deċiżjoni li l-awtorità hija fost il-kontradituri leġittimi għat-talbiet tal-attriċi, u ġie mfisser hekk:

»L-ewwelnett il-proċeduri ta' esproprjazzjoni u ta' ħlas ta' kumpens jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kummissarju tal-Artijiet, u mhux taħt l-awtorità esponenti. Kemm hu hekk, *ai termini* tal-Kap. 88 tal-Liġijiet

ta' Malta [l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi], l-awtorità kompetenti hija indikata bħala "l-Kummissarju tal-Art". Għalhekk semmai it-talbiet tal-atturi kellhom jiġu indirizzati unikament lill-Kummissarju tal-Artijiet u mhux lill-awtorità esponenti.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost però, anke jekk jitqies illi l-entità li fl-interess tagħha saru xogħlijiet hija leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti, fil-każ partikolari li għandha quddiemha din l-onorabbli qorti ċertament illi l-awtorità appellanti mhijiex l-entità li għandha xi responsabbilità għall-proġett li wassal għal din il-kawża.

»Kif ġà ntqal, jirriżulta illi l-ftuħ tat-toroq in kwestjoni sar f'inħawi *ex admissis* ġestiti llum mis-soċjetà *Malta Industrial Parks*, liema xogħlijiet intalbu mis-Segretarjat Parlamentari inkarigat mis-*Self Employed* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi.

»F'dan ir-rigward, għandu jingħad illi il-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-qorti sabiex minn naħa teżonera lil *Malta Industrial Parks Limited* u min-naħa l-oħra tqis lill-awtorità responsabbli huma mfissra fil-qosor ħafna fis-sentenza appellata tant li wieħed ma tantx jista' jifli f'dettall x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-qorti għall-konklużjonijiet tagħha. Jidher però illi l-kunsiderazzjonijiet ewlenija kienu tnejn:

»• *Malta Industrial Parks Limited* ma kinitx involuta fix-xogħlijiet u l-*plots* ġestiti minn Malta Industrial Parks Limited jinsabu lil hemm mill-art meħuda lir-rikorrenti;

»• l-art li ttieħdet intużat biex tiġi ffurmata triq.

»Bir-rispett, però hemm numru ta' aspetti illi jidher illi l-qorti naqset illi tikkunsidra.

»L-ewwelnett dwar ir-responsabbilità ta' *Malta Industrial Parks Limited* huwa minnu illi din l-entità ma kinitx ikkummissjonat ix-xogħlijiet hi. Huwa minnu wkoll illi fuq l-art meħuda hemm iffurmata triq u mhux xi fabbrika. Madanakollu, mhux kontestat illi l-art tinsab f'żona industrijali ġestita minn *Malta Industrial Parks Limited* u tipprovdi aċċess għal kostruzzjonijiet kontigwi li jaqgħu taħt il-mansjonijiet tagħha. Huwa għalhekk sottomess illi l-istess soċjetà ma kellhiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju – anzi, kellha titqies hi responsabbli u mhux l-awtorità.

»Jingħad imbagħad illi għalkemm l-Ewwel Qorti semmiet *en passant* illi x-xogħlijiet saru fuq inizjattiva tal-Ministeru tal-Komunikazzjoni u Kompetittività u mhux inizjattiva tal-awtorità jew tal-Ministru tat-Trasport, dan il-punt ma jidhirx illi ġie indirizzat fis-sentenza – anzi, il-qorti jidher illi kkonkludiet illi, ladarba qed nitkellmu dwar toroq, għandha tkun responsabbli l-awtorità mingħajr ma jitqies ebda fattur ieħor.

»Huwa sottomess però illi dan l-argument ma japplikax fil-każ li għandha quddiemha din il-qorti. Dan għaliex jirriżulta ċar illi t-toroq ma ġewx iffurmati bħala xi proġett tal-awtorità (bħal, ngħidu aħna, meta jinfetaħ *bypass* jew triq arterjali oħra) iżda fuq talba speċifika ta' Segretarjat Parlamentari li kellu wkoll il-kelma aħħarija dwar toħroġx *letter of acceptance.* Kien ukoll l-istess segretarjat illi kellu jħallas ix-xogħlijiet mill-*budget* tiegħu u għalhekk mhux ċar għalfejn l-awtorità kellha tkun hi li terfa' r-responsabbilità għat-tnedija (u l-ħlas) għall-esproprju. Jekk tassew għandu jitħallas xi kumpens, dan għandu jsir mill-*Malta Industrial Parks* jew mill-ministeru li taħtu taqa' din l-entità u

mhux mill-awtorità esponenti li hija entità awtonoma li m'għandha ebda konnessjoni la mal-*Malta Industrial Parks* u lanqas mal-Ministeru tal-Finanzi.«

12. Is-soċjetà attriċi wieġbet hekk għal dan l-ewwel aggravju tal-awtorità appellanti:

»L-Awtorità għat-Trasport qed tipprova tfarfar ir-responsabbiltà u tgħaddiha fuq il-*Malta Industrial Parks*.

»Mill-provi prodotti fil-kawża, jirriżulta illi:

»i. it-triq ġiet formata u żviluppata mill-awtorità u mhux mill-*Malta Industrial Parks*;

»ii. illi t-triq m'hijiex fir-responsabbiltà u amministrazzjoni tal-*Malta Industrial Parks* u dan jirriżulta ċar mix-xiehda ta' Damian Whitehead li ddikjara li l-art in kwistjoni ma tirrientrax mal-art li taqa' taħt il-mansjoni tal-Avviż Legali 477/2010. Huwa għamel referenza għall-pjanta PD 144_2004_1 u jidher ċar illi din l-art m'hijiex fil-mansjonijiet tal-*Malta Industrial Parks* u li għalhekk ġiet imsejħa fil-kawża bla bżonn.

»Illi apparti dan, l-awtorità qiegħda tipprova ssostni illi r-responsabbiltà jekk m'hijiex tal-*Malta Industrial Parks* hija tal-Ministeru tal-Komunikazzjoni u Kompetittività. Għalkemm jista' jkun illi dan il-ministeru seta' kien involut, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi t-triq ġiet żviluppata mill-awtorità u li fil-kors ta' tali żvilupp kienet l-istess awtorità li kienet qiegħda tikkorrispondi mal-esponenti dwar il-kumpens.

»Ir-responsabbiltà tal-awtorità appellanti in materja anke joħroġ *ex lege* billi l-art. 7(*b*) tal-Kap. 499 jagħmilha ċara li l-awtorità hija responsabbili biex "tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti".

»… … …

»Apparti dan, din hija kwistjoni ta' fatt li ġiet epurata mill-ewwel onorabbli qorti li għarblet il-fatti għab-bażi tal-provi mressqa quddiemha u m'għandux jiġi konsentit illi d-diskrezzjoni dwar tali evalwazzjoni magħmula mill-ewwel onorabbli qorti tiġi disturbata leġġerment.

»Konsegwentement dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.«

13. *Malta Industrial Parks Limited* wieġbet hekk:

»Sa llum l-esponenti għadha ma ġietx notifikata bir-rikors tal-appell u lanqas bl-avviż tas-smigħ. L-appell odjern ġie a konjizzjoni tal-esponenti provvidenzjalment ftit tal-ġranet u bil-għan li l-esponenti tiffaċilita l-proċedura u ma tagħtix lok għal millantazzjonijiet u

kwistjonijiet simili qiegħda filwaqt li tagħti ruħha b'notifikata bl-atti tal-appell qed tressaq l-odjerna risposta;

»Illi l-esponenti hija ferm sorpriża li kellha ssir taf bl-appell odjern b'kumbinazzjoni. Dan qiegħed jingħad *in vista* tal-aggravji tal-appellanta. Wieħed minn dawn l-aggravji jattakka proprju dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. … … …;

»*In vista* tar-riperkussjonijiet li jista' jkun hemm minħabba n-nuqqas tan-notifika tal-appell u tal-avviż tas-smigħ, l-art. 144(1) tal-Kap. 12 jagħmilha ċara li:-

> »Appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom. L-appellant għandu jindika fir-rikors ta' appell il-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qed isir. Ir-rikors ta' appell għandu jiġi notifika lill-partijiet kollha iżda l-partijiet biss li kontra tagħhom isir l-appell għandhom fi żmien għoxrin jum jippreżentaw it-tweġiba li jkun fiha r-raġunijiet għaliex l-appell għandu jiġi miċħud.

»*In vista* tan-nuqqas ta' notifika l-esponenti qed tqajjem id-deżerzjoni tal-appell *ai termini* tal-art. 963(1) tal-Kap. 12;

»Illi l-appell odjern ġie interpost mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fis-17 ta' April 2017. Sallum u cjoè aktar minn sena u xahar wara, il-proċeduri bil-miktub għadhom ma ngħalqux. Fin-nuqqas li tiġi segwita l-proċedura tal-art. 963 tal-Kap. 12, issegwi d-deżerzjoni. Mill-proċess u mill-verbal ta' din l-onorabbli qorti jirriżulta li l-esponenti qatt ma għamlet atti jew dehret fil-proċeduri quddiem din l-onorabbli qorti proprju għaliex ma kinitx a konjizzjoni ta' dawn il-proċeduri u għalhekk id-deżerzjoni ma tistax tiġi sanata;

»Għaldaqstant l-appell interpost mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandu jiġi dikjarat deżert bl-ispejjeż kontra l-istess awtorità.

»Illi f'każ li din l-onorabbli qorti tqis li l-appell odjern segwa d-dispos-izzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq u konsegwentement l-appell mhuwiex deżert, l-esponenti qed tressaq is-segwenti sottomissjonijiet limitata-ment għall-ewwel aggravju tal-appellanta u qed tirrimetti ruħha għas-savju ġudizzju ta' din l-onorabbli qorti fir-rigward tal-aggravji l-oħra.

»… … …

»Illi f'dan l-aggravju l-appellanta … tikkontendi li s-soċjetà esponenti hija responsabbli u għalhekk ma kellhiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

»Illi l-esponenti kienet ġiet kjamata fil-kawża wara li x-xhud Geoffrey Formosa, *Principal Technical Officer* mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, xehed fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2013 li l-awtorità aġixxiet bħala *project manager* biex jiġu kostruwiti xi toroq għas-soċjetà esponenti bejn l-2004 u l-2008;

»Illi l-unika konnessjoni li għandha l-esponenti mal-art mertu tal-kawża hija li fl-1 ta' Lulju 2010 permezz tal-Avviż Legali numru 477 tal-2010 art viċin l-art mertu tal-appell għaddiet taħt l-amministrazzjoni tal-esponenti. Ix-xhud Damian Whitehead ikkonferma li meta l-art għaddiet għand is-soċjetà esponenti t-toroq kienu diġà ffurmati.«

14. Il-qorti sejra qabel xejn tqis l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni tal-appell.

15. L-art. 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar id-deżerzjoni ta' kawżi jgħid hekk:

> »**963.** (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.
>
> »(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dakinhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell minn dakinhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.
>
> »(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.
>
> »(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.
>
> »(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-għeluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.
>
> »(5) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi:
>
> »(*a*) … … …
>
> »(*b*) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.
>
> »(6) ... Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.«

16. Għalkemm huwa minnu illi r-rikors tal-appell tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ġie preżentat fis-17 ta' April 2017 u l-proċeduri bil-miktub ingħalqu bil-preżentata tat-tweġiba ta' *Malta Industrial Parks Limited* fl-20 ta' Ġunju 2018 – aktar minn sena wara – madankollu ma jidhirx li

ngħataw l-ordnijiet imsemmija fl-art. 963(3) biex jista' jingħata d-dikriet ta' deżerzjoni.

17. L-eċċezzjoni ta' deżerzjoni għalhekk hija miċħuda.

18. Fuq il-meritu tal-aggravju l-qorti tosserva illi, għalkemm tassew illi l-art tas-soċjetà attriċi ttieħdet sabiex jinfetħu toroq, madankollu dan ma sarx fuq inizjattiva tal-awtorità appellanti u t-toroq lanqas ma ġew iffurmati bħala parti minn xi proġett tal-istess awtorità appellanti iżda dak li sar sar fuq inizjattiva tal-Ministeru tal-Komunikazzjoni u Kompetitività u fuq talba speċifika tas-Segretarjat Parlamentari inkarigat mis-*self employed* fi Ħdan il-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi. Fil-fatt kien l-istess segretarjat parlamentari li kellu jħallas għax-xogħlijiet mill-*budget* tiegħu. L-awtorità appellanti kienet ġiet imqabbda mis-segretarjat parlamentari biss sabiex tagħmel xogħol ta' *project management* u konsegwentement m'għandhiex titqies responsabbli għall-ksur tad-drittijiet fondamentali tas-soċjetà attriċi u lanqas ma għandha tiġi kkundannata tħallas xi forma kumpens għat-teħid tal-art.

19. Konsegwentement, l-Awtorità dwar it-Trasport ma kellha l-ebda obbligu li titlob lill-Awtorità tal-Artijiet – dak iż-żmien Kummissarju tal-Artijiet – sabiex jinbdew il-proċeduri ta' esproprju tal-art u lanqas ma kellha l-obbligu illi tiddepożita l-ammont ta' kumpens għall-istess art f'kont bankarju kif trid il-liġi. Għaldaqstant l-aggravju tal-awtorità għandu jintlaqa' u għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

20. Ladarba l-Awtorità għat-Trasport sejra tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, ma jifdlilhiex interess f'dik il-parti tal-aggravju li tolqot il-

leġittimazzjoni passiva ta' *Malta Industrial Parks Limited* u għalhekk il-qorti ma hijiex sejra tqis dik il-parti tal-aggravju u l-aggravji l-oħra tal-awtorità.

21. Ngħaddu issa għall-appell tal-Awtorità tal-Artijiet. L-ewwel aggravju tal-awtorità jolqot dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ordnat lill-awtorità tibda l-proċeduri taħt il-Kap. 88 għall-espro-prjazzjoni tal-art fi żmien erba' xhur biex b'hekk tieħu f'idejha l-art b'titolu ta' xiri assolut. L-awtorità tfisser l-ewwel aggravju tagħha hekk:

> »Illi din il-parti tad-deċiżjoni finali mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti mhix karenti [*sic*] mal-proċedura tal-esproprju adoperata taħt il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistabbilixxi li sabiex l-awtorità kompetenti (il-Kummissarju tal-Artijiet) ikun jista' jipproċedi bil-pro-ċedura tal-esproprju, hemm il-ħtieġa li l-awtorità pubblika jew id-dipartiment tal-gvern li jkun jeħtieġ l-art għal skop pubbliku jagħmel talba formali għal dan mad-Dipartiment tal-Artijiet, fl-istess waqt li jiddepożita f'kont bankarju l-ammont ta' flus li jkun lest li jħallas għax-xiri tal-art in kwistjoni. B'dan il-mod, il-Kummissarju tal-Artijiet ikun jista' jniedi l-kumpens li jkun meqjus bħala wieħed xieraq u ġust għall-akkwist tal-art in kwistjoni, u dan in linea mal-proċedura tal-esproprju kif stabbilita wara l-emendi tal-2003. L-aggravju li qiegħed jilmenta minnu l-Kummissarju tal-Artijiet jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel onorabbli qorti ma ordnatx lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta tieħu l-passi neċess-arji sabiex dak propost fis-sentenza jkun jista' jsir kif tippreskrivi l-liġi, u minflok tefgħet l-oneru fuq il-Kummissarju tal-Artijiet biex mingħajr m'għandu talba għall-fini ta' dan, u mingħajr m'għandu f'idejh il-flus li l-awtorità esproprjandi kellha tħallas għall-art in kwistjoni, iniedi l-proċess tal-esproprju *ai termini* tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta (liema liġi qiegħda fil-proċess li tiġi emendata). L-ewwel onorabbli qorti naqset milli tordna lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta tieħu l-passi neċessarji sabiex dak propost fis-sentenza jsir hekk kif tistabbilixxi l-liġi.
>
> »Illi l-Kummissarju tal-Artijiet m'għandux il-poter li jmur kontra dak li jiddisponi l-Kapitolu 88 li jispeċifika dettaljatament il-mod li bih għandhom isiru l-esproprji, *stante* li jekk jagħmel hekk ikun qiegħed jikser il-liġi.«

22. Is-soċjetà attriċi wieġbet hekk għal dan l-aggravju:

> »L-ewwel aggravju tal-Kummissarju tal-Artijiet huwa dwar il-fatt li l-qorti ordnat lill-kummissarju sabiex fi żmien erba' xhur jibda l-proċeduri neċessarji għall-esproprju u dan *ai termini* tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Il-kummissarju qiegħed jilmenta li huwa biex jagħmel hekk għandu bżonn li awtorità pubblika jew dipartiment tal-gvern jagħmel talba formali u jgħaddilu l-flus.

»F'dan ir-rigward l-esponenti jirreferi għall-Kap. 88 fejn hemm definizzjoni ta' min hi l-awtorità kompetenti u fid-*definition clause* fl-artikolu 2 dan huwa speċifikat li huwa l-Kummissarju tal-Artijiet.

- »• huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li jħejji l-proċess kollu amministrattiv għall-esproprju;
- »• huwa jipprepara l-*wording* tad-dikjarazzjoni presidenzjali;
- »• huwa jibgħata lill-President tar-Repubblika sabiex tiġi ffirmata u jgħaddiha lid-Dipartiment tal-Informazzjoni sabiex tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u lill-gazzetti lokali sabiex tiġi hekk ippublikata;
- »• huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li jibgħat lin-nies fuq il-post biex iwaħħal l-avviż relattiv fuq il-post tal-esproprju;
- »• huwa l-istess Kummissarju tal-Artijiet li jibgħat l-intimazzjoni ġudizzjarja li qabel kienet tissejjaħ *notice to treat* lill-individwu partikolari;
- »• eventwalment fil-proċess tal-esproprju, *cioè* fil-kawża quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ tal-Artijiet huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li huwa l-kontroparti.
- »• meta jsir il-kuntratt sabiex jitħallas il-*compensation right,* huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li jidher fuq l-att u li jagħmel il-pagament relattiv.

»Huwa evidenti għalhekk illi dan l-aggravju huwa totalment superfluwu.

»Dan japplika wkoll *multo magis* jekk wieħed jara wkoll dak li hemm dispost fil-Kap. 169 fejn huwa speċifikat illi d-drittijiet u responsabbiltajiet kollha relattivi għall-proprjetà immobiljari li huma proprjetà ta' jew fil-pussess, miżmuma jew amministrati mill-gvern jew relatati mal-istess amministrazzjoni huma vestiti fil-Kummissarju tal-Artijiet.

»Huwa minnu illi fl-2003 saret bidla fil-proċedura fis-sens illi mil-lat amministrattiv il-Kummissarju tal-Artijiet jesiġi li min qed jagħmel it-talba jgħaddi l-flus relattivi minn dipartiment għall-ieħor iżda din hija xi ħaġa amministrattiva li ma tikkonċernax il-proċess tal-esproprju *ut sic.*

»Apparti dan, wieħed ma jistax ma jinnotax illi fil-fatt il-qorti in prim istanza ma sabitx biss lill-Kummissarju tal-Artijiet responsabbli iżda wkoll lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u konsegwentement *si tratta* ta' relazzjoni individwali bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u din ma tikkonċernax lill-esponenti.

»Mhux talli l-Kummissarju tal-Artijiet għandu l-poter biex jagħmel il-proċess kollu ta' esproprju talli għandu wkoll l-obbligu kif stipulat fil-liġi kemm fil-Kap. 88 kif ukoll fil-Kap. 169.«

23. Tgħid sew l-attriċi illi l-kwistjoni dwar liema dipartiment jew awtorità għandu jħallas għat-teħid tal-art hija kwistjoni interna bejn organi tal-

istat u ma tolqox il-jeddijiet tas-sid privat tal-art. Barra minn hekk, is-sentenza appellata ma ndaħlitx fil-kwistjoni ta' min għandu jħallas għall-art; il-kumpens li s-sentenza ordnat li jitħallas kien bħala rimedju għall-ksur tad-dritt fondamentali tal-attriċi u mhux ħlas għat-teħid tal-art, li għad irid jiġi likwidat fil-*forum* kompetenti. Meta tqis illi l-ksur tad-dritt tal-attriċi huwa dovut ukoll għad-dewmien biex jinbdew il-proċeduri biex l-attriċi titħallas tal-art li tteħditilha, l-ewwel qorti ma setgħetx, bħala parti mir-rimedju, ma tordnax li dawk il-proċeduri jfittxu jinbdew. Li ma għamlitx hekk kienet tkun qiegħda effettivament tippermetti li jtul fiż-żmien stat ta' ksur ta' dritt fondamentali.

24. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Artijiet għandha s-setgħa taħt il-liġi li tagħmel il-proċess kollu ta' esproprju, partikolarment wara d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern ["Kap. 573"] bis-saħħa tal-Att XVII tal-2017 li, fost affarijiet oħra, ta din is-setgħa lill-awtorità.

25. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

26. It-tieni aggravju tal-Awtorità tal-Artijiet jolqot id-deċiżjoni li kien hemm ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq. L-awtorità fissret dan l-aggravju hekk:

> »Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jistabbilixxi d-dritt għal proċediment ġust, "Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi".
>
> »Illi dan l-artikolu tal-liġi jfittex li jirregola l-mod kif proċess jitmexxa quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif għandhom jinġiebu proċessi quddiem il-qrati, u jiggarantixxi s-smigħ xieraq ta' kawża meta hemm element ta' 'kontestazzjoni' bejn il-partijiet fil-kawża li tkun għaddejja. L-aġir tal-Kummissarju tal-Artijiet fil-kwestjoni odjerna ma jistax jitqies bħala wieħed ta' qorti jew ta' awtorità oħra ġudikanti, *stante* li jifdal dejjem skop għal proċeduri li jridu jiġu mnedija quddiem il-Bord tal-

> Arbitraġġ dwar l-Artijiet, fejn hemmhekk hemm il-ħtieġa li jkunu proċeduri koperti u in linea ma' dak li jipprovdu l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. L-artikolu 6(1) jirreferi għal proċeduri li jkunu diġà nbdew quddiem l-awtorità ġudizzjarja kompetenti u li jieħdu żmien biex jiġu deċiżi finalment, u mhux għal dewmien fl-ikkompletar ta' atti amministrattivi li finalment iwasslu għal aċċess għal qorti jew tribunal imparzjali u indipendenti.«

27. Effettivament li qiegħda tgħid l-awtorità huwa illi id-dritt għal smigħ xieraq jingħata biss meta tinbeda u tkun għaddejja kawża quddiem qorti. Din il-qorti iżda taqbel mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel qorti meta qalet illi ż-"żmien raġonevoli" li fih għandhom jiġu determinati d-drittijiet u obbligi ċivili jista' jibda jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proċeduri quddiem qorti jew tribunal[2]. Fil-każ tallum kien jiddependi fuq il-Kummissarju tal-Artijiet, u llum l-awtorità appellanti, biex jinbdew il-proċeduri għal-likwidazzjoni tal-kumpens għat-teħid tal-art, u d-dewmien biex jinbdew dawk il-proċeduri kien effettivament iċaħħad lill-attriċi minn aċċess għal qorti, bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

28. Meta tqis illi l-art tas-soċjeta' attriċi ttieħdet fis-sena 2004 u sallum għadhom lanqas inbdew il-proeduri li jwasslu għall-ħlas ta' kumpens għat-teħid tal-art, il-qorti ma tarax li għandu jkun hemm dubju illi tassew inkiser il-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq.

29. Dan it-tieni aggravju wkoll għalhekk mhux sejjer jintlaqa'.

30. L-aħħar aggravju jolqot il-likwidazzjoni tal-kumpens għall-ksur tal-jedd tal-attriċi fis-somma ta' għaxart elef euro (€10,000) bħala danni morali. L-awtorità tfisser dan l-aħħar aggravju tagħha hekk:

---

2 Ara *e.g.* John Curmi *nomine v.* Kummissarju tal-Artijiet *et*, Kost. 26 ta' Ġunju 2009 ; *Vica Limited v.* Kummissarju tal-Artijiet *et*, Kost. 3 ta' Frar 2012.

»Illi l-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens xieraq inkluż għall-ħlas tal-imgħaxijiet għall-okkupazzjoni ta' qabel ma tiġi konkluża l-esproprjazzjoni u għalhekk l-ebda ħlas ta' danni m'hu dovut lis-soċjetà rikorrenti. *Inoltre*, għandu jingħad ukoll li l-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għall-ħlas tal-interessi kkalkolati bir-rata ta' 5% fis-sena fuq il-valur mid-data li fiha tkun ittieħdet l-art sad-data tal-ħlas tal-kumpens. Kienu diversi l-każijiet fejn anki l-qrati nostrali dehrilhom li anki jekk hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwi, tali pronunzjament ikkostitwixxa *just satisfaction* suffiċjenti għat-talbiet li dik l-onorabbli qorti kellha quddiemha.

»Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet Major Peter Manduca *v.* l-Onorevoli Prim Ministru, nhar it-23 ta' Jannar 1995, il-qorti ddeċidiet li,

> »"Il-qorti rat ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea. Hemm każijiet fejn il-qorti dehrilha li kien suffiċjenti għar-rikorrenti li jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu kienu verament ġew leżi."«

31. Is-soċjetà attriċi wieġbet hekk:

»Fis-sentenza tagħha l-qorti ordnat li jitħallas kumpens bħala *non-pecuniary damages* u dawn huma totalment differenti mill-interessi li qed isemmi l-Kummissarju tal-Artijiet.

»Il-qorti qieset partikolarment il-fatt li għalkemm l-art ittieħdet fl-2005 u saret triq pubblika, sal-lum il-ġurnata l-Awtorità għat-Trasport u anke l-Kummissarju tal-Artijiet qegħdin joqogħdu jilagħbu bejniethom u jikkostinjaw bejniethom biex jaraw min se joħroġ il-kumpens għall-individwu. B'danakollu, l-individwu ma jaħti xejn u din hija inġurja serja.

»Id-dritt ta' proprjetà kif protett fl-artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili, fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja huwa dritt assolut li huwa limitat biss taħt in-normi stipulati fil-liġi. Il-proċess ta' esproprju huwa wieħed minn dawk il-limitazzjonijiet għall-assolutezza tad-dritt ta' *ownership* u bil-fatt li huwa eċċezzjoni ma jfissirx illi għax *si tratta* tal-gvern, *it can ride roughshod* fuq dawn id-drittijiet.

»Huwa proprju għalhekk illi l-qorti fil-prim istanza ordnat li jitħallsu dawn id-danni morali. Fil-kamp ta' amministrazzjoni tajba u effiċjenti, wieħed kien jippretendi li l-kumpens jitħallas qabel ma jittieħed il-pussess. Fil-kamp privat, meta xi ħadd jipprova jixtri xi proprjetà ma jingħatax iċ-ċwievet jew il-pussess tal-proprjetà qabel ma jsir il-kuntratt u jsir il-ħlas tal-prezz relattiv. Fil-proċess tal-esproprju l-gvern għandu poter speċjali li jkun jista' jokkupa l-proprjeta' fi żmien erbatax-il ġurnata wara l-publikazzjoni adatta fil-Gazzetta tal-Gvern.

»Fil-każ odjern lanqas biss saret il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u l-aġir kemm ta' *Transport Malta* b'kompliċità mal-Kummissarju tal-Artijiet (liema Kummissarju kif ġà ingħad għandu r-responsabbiltà tal-proprjeta' li jaqa' fil-*public domain*) abbużaw u għadhom qed jabbużaw minn dan l-att illeċitu bi preġudizzju serju għall-esponenti li għadu jsofri sal-lum.

»Għaldaqstant anke dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.«

32. Fil-każ tallum il-kumpens li ngħata mill-ewwel qorti kien limitat għad-danni morali biss, u *cioè* kumpens għall-ansjetà u frustrazzjoni li għaddiet u qiegħda tgħaddi minnhom is-soċjetà attriċi meta, wara li tteħditilha l-art tagħha fis-sena 2004, baqgħet sallum ma tħallsitx il-kumpens dovut għat-teħid tal-art, kif ukoll kumpens għall-oltraġġ lejn dritt fondamentali.

33. Din il-qorti hija tal-fehma illi, meta tqis illi s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tiġi infurmata li għalkemm l-art itteħditilha iżda ma kienx hemm fondi biżżejjed allokati biex titħallas il-kumpens dovut lilha[3], u meta tqis li għaddew kważi ħmistax-il sena mit-teħid tal-proprjetà u s-soċjetà attriċi għadha sallum ma ngħatat ebda kumpens, huwa diffiċli tifhem kif, f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Awtorità tal-Artijiet tista' ssib ġustifikazzjoni għas-sottomissjoni tagħha li f'dan il-każ dikjarazzjoni ta' ksur kienet tkun rimedju tajjeb u biżżejjed għall-ksur tal-jedd tal-attriċi għat-tgawdija ta' ħwejjiġha u għal smigħ xieraq.

34. Dan l-aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

35. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti:

    i. tilqa' l-appell tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u għalhekk tirriforma s-sentenza billi tħassarha fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-istess awtorità li ma hijiex kontradittur leġittimu u, minflok, tilqa' l-eċċezzjoni u teħles lill-awtorità mill-ħarsien tal-ġudizzju;

[3] Ara *fol.* 31 tal-proċess.

ii. tiċħad l-appell tal-Awtorità tal-Artijiet u għalhekk tikkonferma s-sentenza fil-bqija, b'dan illi ż-żmien mogħti fis-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi millum.

36. L-ispejjeż tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jitħallsu mis-soċjeta' attriċi. L-ispejjeż l-oħra, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom l-Awtorità tal-Artijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr